**MINUTI LAQGĦA NUMRU 49**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn 18 ta' Lulju, 2022.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022, fl-16:39 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

49.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 49.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

49.2.1 *Minuti laqgħa numru 46*

49.2.1.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet biex f'minuta numru 46.5.16 tintuża l-kelma "crafts fair" u mhux "farmers market"

49.2.1.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex f'minuta numru 46.2.3.4 tintuża l-kelma "staqsejt" u mhux "ġie mistoqsi"

49.2.1.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex f'minuta numru 46.4.20 li titratta s-sinjal ta' *give way* fit-triq ta' Hondoq tintuża l-kelma "ser titwaħħal" mhux "twaħħlet"



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.2.1.4 Il-Kunsilliera qablu mal-minuti tal-laqgħa numru 46, suġġetta għat-tibdiliet imniżżla hawn fuq.

49.2.2 *Minuti laqgħa numru 47*

49.2.2.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet biex minuta numru 47.2.4 tinqara: "Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak qalet li mill-ewwel ġurnata kemm l-ikel kif ukoll l-akkomoazzjoni għandom isiru ġewwa l-Qala"

49.2.2.2 Il-Kunsilliera qablu mal-minuti tal-laqgħa numru 47, suġġett għall-bidla mniżżla hawn fuq.

49.2.3 *Minuti laqgħa numru 48*

49.2.3.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għal minuta numru 48.5.25; fejn talab li t-tieni sentenza tinqara "Issuġġerixxa li billi dan huwa *eyesore* dan għandu jitneħħa"

49.2.3.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex minuta 48.5.5 (b'referenza għal barriers) issir korrezzjoni għal "ser nibdew".

49.2.3.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex l-ewwel sentenza ta' minuta 48.5.8.2 tkun tibda: "F'din il-laqgħa is-Sur Paul Fenech ippropona l-possibilita'…"

49.2.3.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex l-ewwel sentenza ta' minuta numru 48.5.8.4 tkun taqra "Il-Kunsillier Karl Buttigieg iddisassoċja ruħu mill-involviment tiegħu għal din il-proposta u li l-għaqdiet tal-Parroċċa għandom jiġu mgħejjuna u mhux imxekkla bħal ma ġara f'dan il-każ."

49.2.3.5 Il-Kunsilliera qablu mal-minuti tal-laqgħa numru 48, suġett għall-bidliet imniżżla hawn fuq.

## 49.3 Materji oħrajn (l-ewwel parti)

### 49.3.1 Laqgħa ma Joseph Sancto

49.3.1.1 Għal din il-parti tal-laqgħa attendew is-Sur Joseph Sancto u l-Avukat Jonathan Mintoff.

49.3.1.2 Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa mas-Sur Sancto titmexxa 'l quddiem biex issir dritt wara l-Minuti.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.3.1.3 Dr Mintoff beda billi staqsa għal ħtiega tal-laqgħa. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak wieġbet li din il-laqgħa ntalbet għaliex ħarġu verżjonijiet mhux veritieri. Il-Viċi Sindku qara l-istqarrija li flimkien mal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak kienu ħarġu u moqrija fil-laqgħa numru 46.

49.3.1.4 L-Avukat Mintoff iċċara li ssir distinzjoni bejn il-fatt li Sancto huwa kuntrattat, u mhux impjegat mill-Kunsill.

49.3.1.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai u Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak stqarrew li huma ddispjaċuti għal kif sviluppat din is-sitwazzjoni. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak innutat li jekk is-Sur Sancto ma kienx ser jitkellem allura għalxejn ikun ġie għal laqgħa.

49.3.1.6 Dr Mintoff qal li ma jkunx prudenti li tidħol go polemiċi li llum huma magħluqin. Żied li ma jahsibx li kien hemm contestation fuq il-*procurement procedure*.

49.3.1.7 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li ħadd ma hu qed jikkontesta t-tender. L-ilment jirrigwarda affarijiet li seħħew qabel ma saret il-*procurement procedure*.

49.3.1.8 Segwiet diskussjoni dwar meta l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u s-Sur Sancto iltaqgħu fejn l-iskips. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tenniet li jekk is-Sur Sancto mhux ha jitkellem għalxejn qed niddiskutu.

49.3.1.9 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li qed nillatikaw fuq teknikalità.

49.3.1.10 Dr Mintoff qal li dawn iż-żewġ issues kienu differenti kompletament. Waqt li jidher li qed naqblu fuq procurement procedure; żied li jintqal x'jintqal kull min jgħid xi ħaġa jrid iġorr ir-responsabiltà ta' kliemu.

49.3.1.11 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li kull direct order trid tiġi approvata mill-Kunsill.

49.3.1.12 Is-Sindku Paul Buttigieg qal irċieva lment u bagħat sms lis-Sur Sancto. Il-Kunsilliera Karl Buttigieg u Joseph Buttigieg qalu li l-proċedura nkisret. Is-Sindku wieġeb li sa dak il-ħin ix-xogħol invout kien ta' sagħtejn li jfisser li din il-kwistjoni kollha qiegħda ddur madwar xogħol li l-valur tiegħu jammonta għal €14.

49.3.1.13 Is-Sindku kompla li dawn l-€14 huma eżatt bħas-€60 b'xogħol li kienet għamlet bintu u li għaliha tressaq fuq bord ta' Governanza; liema bordijiet kulħadd jafu minn minn tqabbdu għax dan ħareġ fil-Qorti. Il-kwistjoni tal-bord ta' Governanza qamet kollha għaliex, fi kliem is-Sindku, hu ma ħariġx 'il barra waqt li kienet qiegħda tittieħed id-deċiżjoni fil-Kunsill.

49.3.1.14 Il-Kunsillier Karl Buttigieg iċċara li ma jsibx oġġezjoni li jitqabbad is-Sur Sancto. Il-punt tiegħu kien li hawn inkisret il-proċedura.

49.3.1.15 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li d-diskors huwa akbar minn hekk. Qal li huma ma għandhom xejn kontra s-Sur Sancto. Qal li huma l-Kunsilliera ma jaqblux ma kif



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

tmexxew il-proċeduri min-naħa tas-Sindku Paul Buttigieg għaliex la darba qed isiru jafu b'ħaddiema ġodda li qed jiġu ngaġġati mal-Kunsill mingħand in-nies u mhux waqt il-laqgħat tal-Kunsill jew komunikazzjoni uffiċjali, allura huma qed iħossu li qiegħdin hemm għalxejn.

49.3.1.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet għamlet ħilitha biex is-Sur Sancto isir jaf il-verita' imma anqas jekk nagħmlu sa għada ma jidhirx li ħa niftiehmu.

49.3.1.178 Is-Sur Sancto semma, li meta ltaqa' mal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak fejn l-iskips, din qaltlu li s-Sindku qed igerfex. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet li ma jtiġix inkluza fil-minuti għaliex ser tikkontestaha. Is-Sur Sancto qal li Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qed tigdeb. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ċaħdet mall-ewwel dak li qed jintqal minn Sacto.

49.3.1.18 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li l-intenzjoni tal-laqgħa kienet waħda tajba u esprima t-tama tiegħu li din il-laqgħa tintemm fuq nota pożittiva.

## 49.4 Komunikazzjoni tas-Sindku

49.4.1 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li fl-24 ta' Ġunju saret ħarġa għall-anzjani. Bdiet b'Quddiesa l-Għasri u wara saret tombla l-Lantern Restaurant ġewwa Marsalforn.

49.4.2 Is-Sindku qal li qed isiru lmenti dwar qtugħ ta' bużbiez. Il-Ministeru għal Għawdex għaddej b'ħidma biex isiru l-main roads; u mal-ewwel ċans ser jagħmluwom.

49.4.3 Is-Sindku irrapporta li t-taħriġ grass cutting għall-ħaddiema huwa lest. Talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jara li l-polza tal-*insurance* tkun aġġornata ħalli tirrifletti l-użu ta' dan l-apparat.

49.4.4 Is-Sindku semma l-ħarġa għal Kemmuna bid-dgħajsa. Talab lill-Kunsilliera jissuġġerixxu data. Il-Kunsill qabel li din il-materja ser tiġi trattata permezz tal-email.

49.4.4 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn *Cadetes* li joffru servizz ta' l-ewwel għajnuna fl-attivitajiet. Qed jitolbu €25 is-siegħa. Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa a bażi ta' kull attività li tkun ser issir.

49.4.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li nxtraw ħabel u bagi ġodda ta' bumbarin. Semma wkoll li l-ħabel f' ta' Bumbarin inqata' minn skrun ta' dgħajsa.

49.4.6 Dwar il-każ tat-talba għal xatbiet fiz-zona tal-Mintuff, is-Sindku qal li l-applikazzjoni ġiet irtirata mill-applikant. Radd ħajr lill-Avukat Claire Bonello, l-Perit Godwin Sultana u n-Nutar Claire Spiteri li assistew lill-Kunsill f'dan il-każ.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.4.7 Is-Sindku qal li ċemplulu xi persuni jilmentaw minn tabella "private property" li twaħħlet fuq il-belvedere. Is-Sindku ssuġġerixxa jitqabbad perit u nutar biex jiġi stabbilit min għandu dritt għal passaġġ fiz-zona in kwistjoni. Segwiet diskussjoni dwar l-aħjar mod li tista' tiġi ndirizzata din id-diffikultà. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai issuġġerixxa li nitkelmu mas-sid tal-propjeta' li hemm bi swit fejn twaħħlet din it-tabella. Il-bqija tal-Kunsilliera qablu mal-proposta tal-Viċi Sindku Ivan Cefai.

49.4.8 Is-Sindku qal li hemm talba biex jinżebgħu l-i*stop signs*. Għarraf lill-Kunsill li l-ħaddiema għandhom ħafna x'jagħmlu u li mal-ewwel opportunità dan ix-xogħol ser ikun qed isir ukoll.

49.4.9 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li saru żewġ clean ups, fiz-zona ta' Triq il-Belvedere.

49.4.10 Is-Sindku semma li issa li l-ELC waqfet topera, hu fittex kuntattur biex jipprovdi stima ħalli jsaqqi l-qsari u jagħti stima. Meta ġie għamel nofs xogħol. Issa mar għand Kuntrattur ieħor, li talab €70 għal kull darba li jsaqqi, u qed jiġi jsaqqi darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li €70 hu prezz tajjeb.

49.4.11 Is-Sindku qal li sar xogħol ta' tindif quddiem Kunsill, fejn il-funtana. Ixxarbet l-art u ser tkun qiegħda tinħarat. Ħa jkun qed jintalab parir biex naraw x'se jitħawwel. Il-Ministeru għal Għawdex jagħtu siġar b'xejn.

49.4.13 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li, bħas-sena l-oħra, twaħħlu l-arbli u l-festun tad-dawl f' Hondoq ir-Rummien.

49.4.14 Is-Sindku Paul Buttigieg qajjem is-suġġett taż-żbir għas-siġar tal-Pjazza. Wara xhur ta' kuntatti ma Dipartimenti tal-Gvern u kumpanniji varji ix-xogħol ix-beda u ser ikun qed jitkompla dalwaqt.

49.4.15 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li t-talba għal *variation* tal-ammont mogħti mill-Ministeru għal Għawdex fuq il-proġett ta' Triq it-28 ta' April issa ġiet approvata. L-ammont tal-*variation* hu ta' madwar €38,000. Issa l-Kunsill talab *go ahead* lill-istess Ministeru għal Għawdex biex ikun jista' jinħareġ it-tender. Il-Kunsill qabel li malli l-Ministeru għal Għawdex jagħti l-ok, dan it-tender jiġi ppublikat.

49.4.16 Is-Sindku Paul Buttigieg tkellem dwar it-tindif li jrid isir fil-pjazza matul il-ġimgħa tal-festa[1]. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuggerixxa li jitalab permess mingħand l-Arcipriet peress li parti mill-Pjazza hija propjetà tal-Knisja.

49.4.17 Is-Sindku qal li l-*gazebos* gnien il-familja issa huma lesti u li x-xogħol li sar jidher li hu ta' kwalità tajba. Hu radd ħajr lill-Ministeru għal Għawdex għall-materjal u l-

---

[1] Ara Minuta numru 49.8.2



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ħaddiema pprovduti biex isiru dawn il-*gazebos*, kif ukoll lill-Kunsillier Joseph Buttigieg tal-għajnuna tiegħu fit-twettieq ta' din il-ħidma.

49.4.18 Is-Sindku tkellem dwar il-kaz li hemm fil-Qorti dwar it-titlu tal-art li fuqa hemm il-*Playing Field* Maġistrat Salvu Attard. Is-Sindku qara abbozz ta' stqarrija ppreparata mill-avukat Zammit, u ppropona li din tiġi ppublikata. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuggerixxa li titgħadda b'email bejn il-kunsilliera.

49.4.19 Is-Sindku ppreżenta suġġeriment tal-Perit biex it-tenders tal-*playground equipment* u *safety flooring* jiġi ttrasferit minn *Playing Field* Magistrat Salvu Attard għal Ġnien il-Familja. Il-Perit qal li dan jista' jsir. Il-Kunsill qabel li jekk dan jista' jsir, iż-żewġ tenders jiġu ttrasferiti għal Ġnien il-Familja.

49.4.20 Is-Sindku qal li nhar it-8 ta' Lulju saret l-attività *Hondoq by Night* li kienet suċċess. Is-Sindku semma l-assistenza li saret min-naħa tal-Kunsill lejn din l-attività.

49.4.21 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wasal abbozz tal-kuntratt tal-*Water Services Corporation* (WSC) biex tgħaddi f'idejn il-Kunsill il-kamra li hemm maġemb ir-*reverse osmosis*. Hu għaddiha lil Avukat biex jaraha qabel ma niffirmawha. Il-WSC qed jitolbu kera ta' €100 fis-sena. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li dawn il-€100 qatt ma ġew imsemmija. Is-Sindku ppropona li meta jiltaqa' mal-WSC jitlob li dawn jitneħħew.

49.4.22 Is-Sindku qal li wasalna biex noħorġu tender għal garage biex il-Kunsill ikollu fejn ipoġġi l-għodda u t-trakk li għandu ordnat.

49.4.23 4 Is-Sindku semma kif 4 snin ilu bdew diskussjonijiet bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Ministeru għal Għawdex flimkien mat-taqsima tal-*Animal Welfare*. Saru diversi laqgħat u anke nxtra l-apparat għal dog park. Dan l-aħħar sar ukoll cat café.

49.4.24 Is-Sindku qal li l-kors tal- biedja organika kien tlesta, u issa inħolqot NGO li tiffoka fuq fuq biedja organika. Din l-NGO qiegħda titlob li talbu li jużaw is-sala tal-Kunsill biex fiha jagħmlu laqgħat. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

49.4.25 Is-Sindku qal li bħalissa qed isir reklamar biex isir kors tal-presepju għal tfal bejn 11 u 16-il sena. Dan ser jibda' wara l-Festi u ser ikun immexxi mis-Sur Clayton Buttigieg

49.4.26 Is-Sindku semma li saret talba għal laqgħa mal-Ministru għal Għawdex imma sa issa għad ma ġejniex mogħtija appuntament.

49.4.27 Is-Sindku semma li irċieva talba mill-Parroċċa biex issir "Festa Tfal 2022" bil-kollaborazjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

49.4.28 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li għaddiet email fejn il-Kunsill intalab jikkollabora għal attivita' ta' BBQ flimkien mal-għaqda tal-briju. Din l-Attivita' ser issir nhar id-29 ta' Lulju u jinkludi mużika. Din it-talba diġa' kienet ġiet approvata mill-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Kunsilliera permezz ta' email. Is-Sindku ppropona li nieħdu d-delegati tal-konferenza EUISM li se jkun hemm preżenti fil-Qala dak inhar. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li taqbel ma din il-proposta imma important li r-restaurants kollha tal-Qala jiġu involuti (għall-EUISM).

49.4.29 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza li saret bl-email dwar fejn ser jitpoġġew il-*kiosks* fi żmien il-festa. Ġew diskussi postijiet varji fejn dawn il-*kiosks* jistgħu jitpoġġew. Il-Kunsilliera qablu li dawn jitpoġġew mill-bus stop ta' Triq Imġarr 'l isfel.

49.4.31 Is-Sindku semma li saret spezzjoni minn uffiċjali tal-EU fuq il-*Folk Museum*. Dan biex jikkonfermaw li l-affarijiet li għalihom kienu investiti fondi mill-EU għadhom hemm.

49.4.32 SkrIl-Viċi Sindku Ivan Cefaia staqsa fuq il-lampi belvedere. Saru talbiet għall-istimi imma sa issa wieħed biss għadu rrisponda.

49.4.33 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li, fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, saret talba biex l-isqaqien fi Triq il-Wardija jiġu nnumerati jew imkella jingħataw isem. Is-Sindku qal li l-kwalita' hija tajba imma jeħtieġ issir *supply* oħra biex titjieb il-*flow* tal-ilma. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak insistiet li għad baqa l-problemi ta' pressa u sadid f'dan l-isqaq.

49.4.34 Is-Sindku semma li l-ħaxix ħażin fi triq il-Wardija ġie maqtugħ kollu.

49.4.35 Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tabella tal-isem ta' Triq Lord Strickland waslet miksura, u għalhekk saret talba lil min jaħdimhom biex tintbgħatilna waħda ġdida.

49.4.36 Fir-rigward tal-Fanal ġdid fi Triq il-Wileġ, is-Sindku semma li huma meħtieġa l-firem tar-residenti, biex kemm jista' jkun jiġu evitati diffikultajiet dwar dan fil-futur.

49.4.37 Is-Sindku semma li fir-raħal hawn 42 mera tat-traffiku; u li f'dawn il-ġranet tnaddfu kollha.

49.4.38 Is-Sindku Paul Buttigieg semma li sar xogħol ta' *patching* fi Triq Simar. Sar ukoll xogħol ta' tindif bil-*bobcat* u sar siment temporanju fir-roundabout tal-imsemmija triq. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jistax isir xogħol simili fuq traffic islands oħra fir-raħal. Is-Sindku wieġeb li dan jista' jsir.

49.4.39 Fuq talba ta' Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, s-Sindku flimkien mal-ingineer tal-WSC għamlu spezzjoni fi Triq Wardija. Is-Sindku qal li l-kwalità kienet tajba imma hemm bzonn li jsir pipe ieħor għal *flow* aħjar ta' ilma.

49.4.40 Is-Sindku semma li fit-toilets ta' Hondoq hemm xi madum miksur li jeħtieġ il-bidla. Madankollu ma jistgħux jinstabu mudell ta' madum li jaqbel ma dak li diġa hemm imwaħħal.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.4.41 Is-Sindku Paul Buttigieg radd ħajr lis-Sur Charlie Buttigieg, ħaddime tal-*Community Workers Scheme*, għax ix-xogħol ta' tiswija fiċ-Ċentru Ċiviku hu ta' kwalità tajjba ħafna.

49.4.42 Is-Sindku rrapporta li kien hawn bosta ħaddiema bis-sick leave fl-aħħar ġranet. Illum daħal ħaddiem minnhom. Minkejja dan iż-żibel inġabar dejjem, xorta waħda.

49.4.43 Is-Sindku semma n-nuqqas ta' dawl fil-*phone booth* ta' Pjazza San Ġużepp. Fl-antik kien hemm dawl mill-Enemalta. San Lawrenz għandhom phone booth simili imma minn tiftix li għamel, anqas din il-*phone booth* ma għanda dawl. Is-Sindku qal li hu m'għandux problema lil Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tixtri solar bulbs għal *phone booth*.

49.4.43 Is-Sindku semma li qed isir xogħol preparatorju għall-konferenza tal-EUISM, QIFF, festa u ġemellaġġ. Fir-rigward tal-konferenzi, is-Sindku qal li sema diskors li l-Kunsill qed jaħli l-flus għas-safar. Is-Sindku tenna li dawn il-konferenzi mħallsa minn fondi tal-Unjoni Ewropeja; u ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jekk jisimgħu xi xnigħat bħal dawn, ikunu jagħrfu jiċċaraw dan kollu.

49.4.44 Is-Sindku radd ħajr lill-ħaddiema s-Sur Charlie Buttigieg u s-Sa Maria Camilleri talli ħadu ħsieb jordnaw, u jiġbru l-barriers mingħand il-bejjiegħ waqt li l-Kunsill kien l-Italja għal konferenza tal-EUISM f'Canale Monterano.

49.4.45 Is-Sindku semma li diġa ma nstabux żewġ *barriers* milli qed jintużaw biex tingħalaq il-pjazza. L-għaqda tal-briju ma għandomx biex iġorru. Is-Sindku qal li sab lil xi ħadd li hu lest iġorr il-barriers lejn l-istore, u ta' dan qed jitlob €30 fil-ġimgħa. Staqsa lil Kunsilliera jaqblux li dawn il-barriers jinġabru wara li tkun infetħet il-pjazza. Il-Kunsilliera qabli li jinġabru għal prezz hawn fuq indikat.

49.4.46 Is-Sindku semma li s-Sur Ruben Said minn *Transport Malta* staqsa lill-Kunsill kif ser nibqgħu dwar l-uffiċjali li kienu qed jitqabbdu nhar ta' Sibt biex jassistu fl-għeluq tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ma għadx hemm bżonn aktar uffiċjali ta' Transport Malta.

## 49.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

49.5.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak pproponiet li ssir *train ride* l-għada tal-festa. Il-prezz mitlub mill-fornitur tas-servizz hu ta' €5 għall-kbar kbar, u €3 zgħar. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ssir mill-Kunsill.

49.5.2 *Għeluq tal-Pjazza*

49.5.2.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qara stqarrija dwar iz-zona pedonali fil-pjazza, liema dokument kien iffirmat mill-Viċi Sindku Ivan Cefai, u l-Kunsilliera Karl Buttigieg, Joseph



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Buttigieg, u Valerie Cassar Mejlak u mehmuż ma dawn il-minuti bħala "**Appendiċi A**". Il-punti mqajjma f'din l-istqarriha huma s-segwenti:

- Li tingħalaq il-pjazza hi deċiżjoni mittieħda permezz ta' vot tal-Kunsill fil-laqgħa ta' Awwissu 2021;
- Din hi deċiżjoni favur spazji pedonali fil-pjazza, spazju fil-pjazza, inqas periklu, u biex insostnu komunita' kummerċjali tar-raħal;
- Intlaħaq qbil bejn il-Parroċċa u l-ħwienet li l-Pjazza tingħalaq nhar ta' Sibt, minn wara l-Quddiesa sa nofs il-lejl. Il-Kunsill approva dan f'laqgħa tal-Kunsill numru 48;
- Nhar it-2 ta' Lulju l-Pjazza ma ngħalqitx u konsegwenza ta' hekk kien hemm *chaos* aktar mis-soltu;
- Dan jammonta għal deċiżjonijiet mhux implimentati. Il-Kunsilliera firmatarji ħassewhom urtati għaliex ma kellhomx poter u kontroll li jieħdu f'idejhom is-sitwazjoni.
- Dan ta' hawn fuq juri inkompetenza tat-tmexxija.

49.5.2.2 Is-Sindku qal li ġie mogħti kull ma kien mitlub. Il-Barriers kienu hemm u l-buses kienu ġew infurmati.

49.5.2.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk kienux gew avviċinati Transport Malta dwar dan. Is-Sindku kien iddikjara li ġew infurmati bl-għeluq tal-pjazza. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar min kellu jgħarraf lil għaqda taż-żgħażagħ biex jgħalqu l-pjazza. Is-Sindku kien qal li fl-aħħar laqgħa hu (is-Sindku) kien qabbad lilu (Karl). Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li s-Sindku qed jigdeb fuqu, u talab lis-Sindku jsib recording fejn is-Sindku inkariga lilu (Karl) biex javviċina lill-għaqda li ġiet maqbula mill-Kunsill li għanda tiġi avviċinata biex tpoġġi l-barriers ħalli tingħalaq il-pjazza.

49.5.2.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai sar jaf fejn kienu l-barriers nhar il-Ġimgħa ta' *Hondoq by Night*. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa wkoll kif setghet tirnexxi jekk ħadd ma kien jaf fejn jinsabu l-barrieres.

49.5.3 Il-Kunsilliera Karl Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak staqsew għaliex hu ma kienux mistednin għall-Konferenza Stampa ta' *Hondoq by Night*. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li intbghatet email lill-Kunsill fuq l-indirizz qala.lc@gov.mt. Is-Sindku qal li nfurmah is-Sur Noel Mizzi. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li lilu wkoll infurmah is-Sur Noel Mizzi, u dan peress li hu involut mal-club tal-football.

49.5.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar il-kors tal-*grass cutting* għall-ħaddiema. Is-Sindku semma li dan sar. Il- Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa fuq it-tindif minn ħaxix ħażin ta' Triq il-Wileġ u Triq il-Wardija – dawn ilkoll saru. Triq Hondoq ir-Rummien, Triq l-Indipendenza u Triq Għajn Haġar ser isiru wkoll meta jerġgħu jidħlu l-ħaddiema.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.5.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li tinżebaħ stop sign ta' fejn l-iskola. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill tlabna li jerġgħu jinżebgħu kollha imma l-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex bħalissa jinsabu maqbudin bix-xogħol.

49.5.6 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għas-siġar tal-Pjazza, liema siġar beda x-xogħol tat-*trimming* fuqhom. Saħaq fuq l-importanza tat-talba li saret mill-għaqda tal-briju li, minħabba s-sorpriża li għandhom ppreparata għas-Sibt tal-Festa; anke dawk is-siġar li jibdew minn fejn ta' Baħemis sa fejn id-DBar jiġu *trimmed*.

49.5.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li qed ikun hemm ħafna trakkijiet għaddejin minn Triq l-Indipendenza, u staqsa jistax jsir xi ħaġa? Is-Sindku qal li anke minn quddiem tiegħu jgħaddu. Staqsa bħala Kunsill x'seta jsir, għax ħadd ma jrid li jgħaddu minn fejn tiegħu?

49.5.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar tabella "private property" fuq il-Belvedere. Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa[2].

49.5.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex jitneħħa *yellow line* fi Triq il-Wardija.

49.5.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għamel referenza għal talba li għamel biex hu jkun inkluz f'korrispondenza li tgħaddi bejn il-Kunsill u d-Dipartiment fir-rigward ta' arretrati ta' *allowances* dovuti lis-Sa. Marica Borg. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv spjega li d-direzzjoni mogħtija lilu kienet din it-talba ma setgħatx tintlaqa' peress li s-suġġett jirrigwarda pagi u allura dan hu tagħrif sensittiv.

49.5.11 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet żewġ rapporti mil-lat amministrattiv dwar l-għeluq tal-pjazza nhar it-2 ta' Lulju u dwar għaliex hi u l-Kunsillier Karl Buttigieg ma ġewx avżati dwar il-Konferenza Stampa ta' *Hondoq by Night*.

49.5.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar l-għeluq tal-Pjazza, fejn hi dejjem kienet preżenti is-Sibtijiet filgħaxija. Qalet li l-attivita irnexxiet ħafna. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li n-nies u r-*restaurants* iridu li l-Pjazza tibda tingħalaq 3 darbiet fil-Ġimgħa. Maqbula Karl, Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, Joseph, Il-Viċi Sindku Ivan Cefai. Segwiet diskussjoni min ser joħroġ il-*barriers*. Il-Kunsill qabel li jiġu avviċinati l-għaqdiet tar-raħal biex naraw hemmx xi ħadd minnhom li hu interessat jieħu din ir-responsabilita' f'idejh. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jinforma lill-awtoritajiet konċernati dwar id-deċiżjoni li l-Pjazza tibda tingħalaq il-Ġimgħa u l-Hadd ukoll.

[2] Ara Minuta numru 49.4.7



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.5.13 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għamlet referenza għall-*crafts fair* li ma ssemmietx fl-istqarrijiet tas-sindku. Il-*crafts fair* kienet success, u hi x-xewqa tagħha biex tibqa' ssir ta' spiss, anke b'attivitajiet differenti kull *weekend*. Il-Kunsill qabel ma dan.

49.5.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ressqet idea ta' pjazza bla karozzi. Il-ħsieb hu li wara nofsinhar isiru no parking signs tal-pulizija madwar il-pjazza. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jitlob lill-Pulizija u l-Ministeru għal Għawdex għal 8 tabelli "*No Parking*" għal dan ir-rigward.

49.5.15 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellmet dwar il-festuni tal-bozoz li tpoġġew mas-siġar tal-Qala. Waqt li raddet ħajr lis-Sindku, issuġġeriet li jiġi mixgħul 3 darbiet fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel ma dan.

49.5.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li l-*phone booth library* fil-pjazza irnexxiet. Il-kotba qed jinbidlu, u hi stess qiegħda tidħol tnaddafa. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ssir xi ħaġa fuq skala iżgħar fiz-zona tla-Kunċizzjoni. Il-Kuinsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ħa tkun qiegħda titlob għal stimi.

49.5.17 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-pjanti li hemm fuq il-bankini ta' Pjazza Isqof M.Buttigieg. Is-Sindku wieġeb li bgħatna kemm il-email lil Parroċċa – għax huma biss għandom lifter – imma li l-Kunsill għadu mingħajr risposta.

49.5.18 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkellment dwar l-armar fi Triq it-28 ta' April 1688, u staqsiet jistgħux it-trakkijiet għalissa jiġu diverted biex ma jkunx hemm ħsarat? Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li d-dati l-aħjar jiġu deċiżi wara li nitkellmu ma tal-armar.

49.5.19 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar bozoz mhux jaħdmu fuq il-Belvedere. Is-Sindku wieġeb li l-electrician mar diversi drabi imma ma jistax isib x'qed jikkawża din il-ħsara.

49.5.20 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiex sarx xi ħaġa fuq il-bozoz fi Triq Fortin ta' Sant' Antnin. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jagħmel follow up ta' din it-talba.

49.5.21 Il-Kunsillier Karl Buttigieg għamel referenza għal xogħlijiet li għandhom isiru fi Triq l-Indipendenza? Is-Sindku qal li ilu ħafna jiġri wara l-kuntrattur. Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li ninsistu għal data.

49.5.22 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa hemmx xi indilazzjoni fuq data li fiha ser issir Triq il-Wardija? Is-Sindku wieġeb li minn informazzjoni li għandu titender ġie awarded imma ma jafx meta ha jibda.

49.5.23 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jistax jinżebaħ il-ħajt mat-triq fi triq il-Belvedere? Is-Sindku wieġeb li dan jista' jsir imma bħalisa qed isir xogħol ta' tiswija fuq iċ-Ċentru Ċiviku.

49.5.24 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-letter box fi Pjazza San Ġużepp tneħħiet. Ippropona li nibgħatu lil Maltapost biex jagħmlu letter box oħra? Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Maltapost biex issir letter box fejn il-*bus stop* fi Triq l-Imġarr.

49.5.25 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk hux ser jitnaddfu l-globi tad-dawl fi Pjazza San Ġużepp. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

49.5.26 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa fuq tiswijiet fuq is-sistema tad-dawl fil-globi tal-pjazza. Is-Sindku wieġeb li l-electricians ma jistgħux isibu tarf.

49.5.27 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab biex fi Triq il-Belvedere jinżebħu arlbli ta ġor-round about u tas-central strips.

49.5.28 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar kif ser jinġabar iż-żibel tal-festa. Dan is-suġġett ser jiġi trattat aktar 'il quddiem f'din l-istess laqgħa[3].

49.5.29 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li tintbgħat email acknowledgment lil Fondazzjoni JP2 u lil Dr Mike Tabone b'referenza għall-korrispondenzi tagħhom li pew trattati f'laqgħa numru 48.

## 49.6 Aġġornament fuq il-programm EUISM

49.6.1 Ġie pprezentat abbozz tal-programm għall-Konferenza "Europe is a State of Mind" (EUISM) li ser issir fil-Qala bejn id-29 ta' Lulju u l-1 ta' Awwissu.

49.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tal-*budget* għal din il-konferenza lill-Kunsilliera.

49.6.3 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg għarraf lill-Kunsill li hu kien ibbukja gwida għall-Cultural Day tal-31 ta' Lulju. Hu qed jippjana l-ġurnata fuq kalkolu ta' 32 persuna. Il-coach ser tiġi bbukjata mill-Kunsill.

49.6.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ppropona li nippreparaw ftit *items* biex jittieklu mal-kafe' waqt il-*breaks*. L-Agent Segretarju Eżekuttiv ħa nota ta' dan is-suġġeriment.

[3] Ara Minuta numru 49.8.2



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.6.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li qabel ma siefru għall-Konfernenza tal-Italja hu kien ħejja lista li ħalliha mal-iskrivana biex, fost l-oħrajn, isiru spezzjonijiet u tiswijiet jekk meħtieġ fuq l-*air condition, WI-FI, sound system u projector* tas-Sala tal-Komunità bi tħejjija għall-Konferenza tal-EUISM li ser issir fil-Qala.

## 49.7 Aġġornament fuq Triq it-28 ta' April 1688

49.7.1 Dan is-suġġett ġie diskuss waqt l-istqarrijiet tas-Sindku[4].

## 49.8 Xogħol ta' preparazzjoni marbut mal-jiem tal-Festa

49.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamer referenza għal numru ta' emails minn għaqdiet varji, li fihom il-Kunsill ġie mitlub jikkollabora għal attivitajiet b'rabta mal-festa; u liema talbiet jidher li hemm qbil fost il-Kunsill kollu li dawn jiġu aċċettati. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li jiċċirkola email li fiha tkun tiġbor it-talbiet kollha, ħalli l-Kunsill ikun jista' japprova kollox fuq email thread waħda. Il-Kunsill qabel ma dan.

49.8.2 Ġew diskussi tliet *hand quotations* għat-tindif tal-Pjazza fi żmien il-festa. Il-Kunsill iddeċieda li jaċċetta l-irħas istima li kienet imressqa mill-Kumitat tan-Nar għas-somma ta' €2,600.

49.8.3 Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa li jitqabbad xi ħadd biex joqod mat-toilets fi Triq it-28 ta' April matul il-Festa u jnaddaf skond il-ħtieġa; speċjalment xhin ikun ser jgħaddi xi marċ minn hemm. Il-Kunsilliera qablu ma dan. Is-Sindku ser jipprova jsib lil xi ħadd għal dan ix-xogħol.

## 49.9 *Qala International Folk Festival*

49.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsilliera li bħala Kunsill saru żewġ talbiet għal fondi: waħda mal-Ministeru ta' Għawdex u oħra bħala skema li ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Iż-żewġ talbiet ġew aċċettati mill-Ministeri rispettivi. Iżda it-tnejn li huma għandhom bħala kundizzjoni li l-Kunsill ma jistax ikun akkwista fondi minn Ministeri oħra. Għalhekk il-Kunsilliera qablu li għandna naċċettaw tal-Ministeru għal Għawdex peress li dawn offrew l-aktar flus.

---

[4] Ara Minuta numru 49.4.15



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

49.9.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuġġerixxa li navviċinaw lill-Malta Tourism Authority forsi dawn ikunu jistgħu joffru xi għajnuna.

## 49.10 Materji Amministrattivi

49.10.1 NIL

## 49.11 Korrispondenzi

49.11.1 Email mingħand Gertrude Ebejer mid-dipartiment tal-Libreriji fejn elenkat numru ta' tiswijiet u azzjonijiet ta' titjib li jridu jsiru fil-Librerija tal-Qala.

49.11.2 Email mingħand il-Pulizija li fiha jispjegaw ir-rwol u dmirijiet tal-*Community Policemen*.

49.11.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ipprezenta *trail* ta' korrispondenza mal-Awtorita' tal-Ambjent fir-rigward tat-*trimming* tas-siġar tal-pjazza.

## 49.12 Materji oħrajn u Mozzjonijiet (it-tieni parti)

49.12.2 Il-Kunsilliera ddiskutew l-aħħar dettalji dwar ir-rigal li l-Kunsill qabel li jagħti lil Dun Gabriel Vella fl-okkażjoni tal-*primma messa* tiegħu.

49.12.3 Giet mghoddija l-iskeda tal-pagamenti numru 6/2022. Il-Kunsilliera approvaw unanimament l-iskeda.

## 49.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.13.2 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-8:30. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Awissu2022 fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| (IFFIRMAT) | (IFFIRMAT) |
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Lorne Cremona<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt